**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tal-Ewwel (1) Laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi**
**Il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2016, fil-5.30pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Dr. Rita Mifsud | Chairperson u Kunsilliera |
| Edward Said | Membru u Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Membru u Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Membru u Segretarju Eżekuttiv |
| Michelle Grima | Membru u Accountant |

1. **Operat tal-Kumitat tal-Finanzi.**

Ic-Chairperson infurmat lill-membri tal-Kumitat tal-Finanzi li s-Segretarja staqsiet lid-DLG għal linji gwidi kif għandu jaħdem dan il-Kumitat peress li l-operat tal-Kumitat tal-Finanzi mhuwiex regolat mill-ligi. Is-Segretarja informat li għada ma irċeviet xejn fuq dan. Ic-Chairperson kompliet tgħid li la twaqqaf dan il-Kumitat tal-Finanzi għandna neħduh b'serjeta' u niehdu minnu l-opportunita' li nsahhu l-gharfien taghna dwar il-finanzi tal-kunsill.

Ic-Chairperson qalet li peress li l-ligi ma tistabbilixxix fid-dettal x'inhuma *t-terms of reference* tal-Kumitat tal-Finanzi, ghandha tigi riferuta lill-kumitat kull spiza li kwalunkwe membru tal-kunsill jhoss li ghandha tigi diskussa fi hdan il-kumitat tal-finanazi. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġġerit li l-lista tal-pagamenti jitellgħu kollha f'din il-laqgħa tal-Finanzi. Is-Sindku spjega li dan ma jagħmilx sens peress li x-xogħol u s-servizzi ta' dawn il-kontijiet ikunu ġa ġew diskussi u mgħoddija fil-laqgħa qabel. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġeriet li jekk inkunu nafu b'ċertu affarijiet ikun sew li l-ewwel jiġu diskussi f'din il-laqgha tal-Finanzi. Is-Sindku ssuġerixxa li jkun tajjeb li ikunu kollha familjari bil-Quarterly Reports biex ikunu nistgħu immexxu. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġerit li jkun hemm certification u purchase orders ma' kull kont ipprezentat. Il-Kumitat qabel li ghandu jkun hemm purchase orders fuq anke tenders li hemm mal-Kunsill.

Gie maqbul ukoll li kull rapport finanzjarju li ghandu jitressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghandu l-ewwel jigi diskuss mill-Kumitat tal-Finanzi u li l-laqghat jissejjhu skont l-iskeda ta' dawn ir-rapporti kif ukoll kull meta jkun hemm il-htiega wara li tigi riferuta lill-Kumitat xi materja partikolari dwar xi spiza mill-Kunsill.

2. **Quarterly Report – Lulju sa Settembru 2016.**

Is-Sindku spjega li qed ngħaddu għal-approvazzjoni l-Quarterly Reports kollha waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali wkoll. L-Accountant ppreżentat draft quarterly report peress li giet infurmata fi zmien qasir b'din il-laqgħa. Ic-Chairperson talbet lil Accountant tispjega

fid-dettal dan ir-rapport biex il-membri kollha tal-Kumitat jifhmu aħjar. Is-Sindku innota li l-Quarterly Report qed ikollu positive cash balance u li qed nimxu skond l-estimi. Hu kompla jgħid li qegħdin nirregolaw ukoll l-ispiza.

L-Accountant tal-Kunsill spjegat fid-dettal id-draft tal-Quarterly Report - Lulju sa Settembru 2016 lil kullhadd. L-accountant informat lil dawk prezenti li il-Kunsill hu sostenibbli bħala infieq meta mqabbel mal-allokazzjoni finanzjarja. Is-Sindku innota li hu tkellem mad-Direttur tal-Kunsilli u informah li l-Kunsill qieghed jieħu miżuri tajbin u jaf fejn hu sejjer. Ic-Chairperson, Dr. Rita Mifsud informat lis-Segretarja biex tibgħat kopja ta' dawn il-Minuti ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

Data ta' laqgħa oħra għandha tiġi diskussa aktar 'il quddiem waqt Laqgħa tal-Kunsill.

IFFIRMATA
Dr. Rita Mifsud
Chair person

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv